



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 159/24

il-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-21/23 | Lindenapotheke

GDPR: L-Istati Membri jistgħu jipprevedu l-possibbiltà għall-kompetituri tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali li jikkontestawh quddiem qorti bħala Prattika kummerċjali żleali pprojbita

Il-bejgħ online ta' prodotti mediċinali riżervati għall-ispjżeriji jeħtieġ il-kunsens espliċitu tal-klijent dwar l-ipproċessar tad-data tiegħu, anki jekk dawn il-prodotti mediċinali ma jkunux suġġetti għal riċetta medika

Il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża, li kellha taqta' tilwima bejn żewġ spiżjara kompetituri, talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali (GDPR). Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-GDPR ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tippermetti lill-kompetituri tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali jikkontestawh quddiem qorti bħala Prattika kummerċjali żleali pprojbita. Tali possibbiltà ta' rimedju għall-kompetituri tiżdied mas-setgħat ta' intervent tal-awtoritajiet ta' kontroll inkarigati bis-sorveljanza u mill-applikazzjoni tal-GDPR kif ukoll mal-possibiltajiet ta' rimedji ġudizzjarji tas-suġġetti tad-data, previsti minn dan ir-regolament.

Barra minn hekk, hija tqis li tikkostitwixxi data dwar is-saħħa fis-sens tal-GDPR l-informazzjoni pprovduta mill-klijenti waqt l-ordni online ta' prodotti mediċinali riżervati għall-ispjżeriji, anki meta l-bejgħ ta' dawn tal-aħħar ma jkunx suġġett għal riċetta medika. Għalhekk, il-bejjiegħ għandu jinforma lil dawn il-klijenti b'mod preċiż, komprensiv u li jinftehem faċilment dwar il-karatteristiċi u l-finijiet speċifiċi tal-ipproċessar ta' din id-data u jitlobhom il-kunsens espliċitu tagħhom għal dan l-ipproċessar.

Il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża kellha taqta' kawża bejn żewġ spiżjara Ġermaniżi. L-ispjżar proprjetarju tal-ispjżerija "Lindenapotheke" jikkummerċjalizza fuq Amazon, sa mis-sena 2017, prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom huwa riżervat għall-ispjżeriji. Il-klijenti għandhom jipprovdut diversi informazzjoni meta jordnaw online dawn il-prodotti mediċinali.

Billi bbaża ruħu fuq il-leġiżlazzjoni Ġermaniża fil-qasam tal-Prattiki kummerċjali żleali, spiżjar kompetitur talab lill-qorti Ġermaniża tordna lill-proprjetarju ta' Lindenapotheke jwaqqaf din l-attività sakemm ma jiġix żgurat li l-klijenti jkunu jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom minn qabel għall-ipproċessar tad-data dwar is-saħħa. Il-qorti tal-ewwel u tat-tieni istanza qiesu li din il-kummerċjalizzazzjoni kienet effettivament tikkostitwixxi Prattika kummerċjali żleali u illegali, peress li hija kienet tmur kontra ir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali (GDPR) ¹. Fil-fatt, fl-assenza ta' kunsens espliċitu minn naħa tal-klijenti li jkunu qed jixtru l-prodotti mediċinali, il-bejgħ jagħti lok għal proċessar ta' data dwar is-saħħa pprojbit skont dan ir-regolament.

Il-Qorti Federali tal-Ġustizzja Ġermaniża staqsiet jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tippermetti lil kompetitur iressaq azzjoni ġudizzjarja kontra l-allegat awtur tal-ksur tal-GDPR abbażi tal-projbizzjoni ta' Prattiki kummerċjali żleali, hijiex konformi ma' dan ir-regolament. Fil-fatt, skont il-GDPR, bħala prinċipju, huma l-awtoritajiet ta' kontroll nazzjonali li għandhom jissorveljaw u japplikaw dan ir-regolament u għas-suġġetti tad-data (f'dan il-każ, il-klijenti) li jiddefendu d-drittijiet tagħhom. Il-Qorti Ġermaniża xtaqet tkun taf ukoll jekk l-informazzjoni pprovduta waqt ix-xiri online ta'

prodotti mediċinali li l-bejgħ tagħhom jiġi rriżervat għall-ispjazeriji tikkostitwixxix data dwar is-saħħa fis-sens tal-GDPR, anki fil-każ fejn dawn il-prodotti mediċinali ma jkunux suġġetti għal riċetta medika. Hija għalhekk indirizzat ruħha lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi, fl-ewwel lok, li **I-GDPR ma jipperkludix leġiżlazzjoni nazzjonali li**, lil hinn mid-drittijiet u mis-setgħat mogħtija mill-GDPR lill-awtoritajiet ta' kontroll nazzjonali, lis-suġġetti tad-data u lill-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lil dawn il-persuni, **tippermetti lill-kompetituri** tal-allegat awtur ta' preġudizzju għall-protezzjoni tad-data personali **jressqu azzjoni ġudizzjarja kontrih, minħabba ksur ta' dan ir-regolament, abbażi tal-projbizzjoni ta' Prattiki kummerċjali żleali**. Għall-kuntrarju, **dan jikkontribwixxi mingħajr dubju għat-tisħiħ tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data** u għall-iżgurar ta' livell għoli ta' protezzjoni. Barra minn hekk, dan jista' jkun **partikolarment effettiv**, fejn abbażi ta' dan kollu **jista' jkun hemm prevenzjoni ta' għadd kbir ta' ksur tal-GDPR**.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **tikkostitwixxi data dwar is-saħħa fis-sens tal-GDPR l-informazzjoni pprovduta mill-klijenti** (bħal ismihom, l-indirizz tal-kunsinna u l-elementi neċessarji għall-individwalizzazzjoni tal-prodotti mediċinali) **meta jiġu ordnati online prodotti mediċinali rriżervati għall-ispjazeriji, anki meta l-bejgħ ta' dawn tal-aħħar ma jkunx suġġett għal riċetta medika**.

Fil-fatt, din id-data hija ta' natura li **tiżvela, permezz ta' proċess intellettuali ta' approssimazzjoni jew ta' deduzzjoni, mill-informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa ta' persuna fiżika identifikata jew identifikabbli**, għaliex tiġi stabbilita rabta bejn l-imsemmija persuna u l-prodott mediċinali, l-indikazzjonijiet terapewtiċi tiegħu jew l-użu tiegħu, jekk din l-informazzjoni tikkonċernax il-klijent jew kwalunkwe persuna oħra li għaliha tkun twettqet din l-ordni. Għaldaqstant, huwa irrilevanti li, fl-assenza ta' riċetta medika, ikun biss permezz ta' ċerta probabbiltà, u mhux b'ċertezza assoluta, li dawn il-prodotti mediċinali jkunu ddestinati għall-klijenti li jkunu ordnawhom. **Il-fatt li ssir distinzjoni skont it-tip ta' prodotti mediċinali** u jekk il-bejgħ tagħhom ikunx suġġett għal riċetta medika jmur **kontra l-għan ta' protezzjoni għolja tal-GDPR**. Konsegwentement, il-bejjieġ għandu jinforma lil dawn il-klijenti b'mod preċiż, komprensiv u li jinftiehem faċilment dwar il-karatteristiċi u l-għanijiet speċifiċi tal-ipproċessar tad-data msemmija u għandu jitlobhom **il-kunsens** espliċitu **tagħhom** għal dan l-ipproċessar.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Regolament \(UE\) 2016/679](#) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).